Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, is-6 ta' Lulju 2023**

**Kump. Nru. 642/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**Versus**

**Iyad Zbaida**
**(0162202L)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Iyad Zbaida**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0162202L.

Akkuzat talli nhar it-23 ta' Novembru 2020 fis-06.00am gewwa Bormla:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Nadia Zbaida f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq ommu l-istess Nadia Zbaida, hekk kif iccertifikaha Dr. Ryan Falzon (Med Reg 4320) mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana.

2. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil ommu Nadia Zbaida.

3. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-kodici kriminali jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

4. Minghajr ma darab jew sawwat, hedded lil ommu Nadia Zbaida b'gebel jew oggett iehor iebes jew waddab jew qabad xi arma sabiex ihebb ghaliha;

Akkuzat ukoll illi nhari t-23 ta' Novembru 2020 bejn il-11:30am u l-11.50am gewwa Bormla:

5. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u cioe' WPS 41 Elaine Cassar u PC 381 Jonathan Farrugia jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, fejn din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jaqa' taht l-ebda disposizzjonijiet ohra tal-ligi.

6. Akkuzat ukoll bi ksur tal-Probation a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta minn Mgt. Dr. C Galea LL.D. nhar it-13 ta' Novembru 2019 fejn gie liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu.

7. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Iyad Zbaida a beneficcju ta' Nadia Zbaida u l-familjari tieghu u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' Nadia Zbaida u l-familjari taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena aplikabbli ghar-reat torbot lil Iyad Zbaida b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, minbara li tinfliggi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi Iyad Zbaida sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat illi l-imputat fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2023, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni ta' l-imputat u s-sottomissjoniet tal-partijiet, fejn kien hemm qbil illi piena karcerarja effettiva ma' tkunx idonea fic-cirkostanzi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu, 7, 31, 49, 50, 214, 221(1), 222(1)(a), 338(ee), 339(1)(b)(d)(e) tal-Kapitolu 9 kif ukoll Artikolu 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputat hati u tikkundanah ghal piena ta' **sentejn (2) prigunerija**, illi b'applikazzjoni ta' l-**Artikolu 28A tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu **sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum.**

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **Nadia Zbaida u l-familjari taghha ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeda torbot lil imputat **Iyad**

**Zbaida** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mil-lum** u dan billi ma' jimmolestax, ma' jddejjaqx u ma' jingurjax lil *parte civile* **Nadia Zbaida u l-familjari taghha.**

Il-Qorti spjegat lil imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Illi fil-kaz odjern ma' gewx mahtura esperti u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat f'dan ir-rigward.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien **sitt (6) ijiem tax-xogħol**, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**